MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-18 ta' Jannar, 2007

Numru. 859/2006

**Il-Pulizija**
**Spettur Antonello Grech**
**v**

**JONATHAN XUEREB bin Loretu u Antonia nee' Portelli, imwieled fit-tmienja w ghoxrin [28] ta' Settembru, 1975 u residenti Garden Flats, Flat 2, Triq il-Gnien, Ghajnsielem, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita' numru 121494M**

**Il-Qorti;**

Rat illi l-imputat **JONATHAN XUEREB** bin Loretu u Antonia nee' Portelli, imwieled fit-tmienja w ghoxrin ta' Settembru, 1975 u residenti 'Garden Flats', Flat 2, Triq il-Gnien, Ghanjsielem, Ghawdex, detentur tal-karta tal-

identita’ numru 121494M gie mressaq quddiemha u akkuzat talli fis-sittax [16] ta’ Lulju 2006 fl-erbgha w nofs neqsin hamsa ta’ filghodu bhala l-persuna licenzjata biex jiggestixxi “Al Porto” li jinsab fl-Mgarr, Ghawdex:-

1. naqas milli jhares xi wahda mill-kundizzjonijiet jew limitazzjonijiet ohra li ghaliha soggetta l-licenzja tieghu, billi halla l-hanut miftuh ghall-pubbiku wara is-siegha ta’ filghodu.

2. talli mpjega lil Ritianne Grima minn Haz-Zebbug Malta biex taghmilha floku jew bhala rapprezentanta tieghu fil-hanut minghajr permess tal-awtoritajiet kompetenti.

3. talli daqq jew ippermetta li tindaqq muzika amplifikata bejn l-erbgha ta’ filghodu w d-disgha ta’ filghodu.

4. u aktar talli sar recidiv b’sentenza moghtija fil-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) mill-Magistrat Dottor Consuelo Pilar Scerri Herrera nhar it-tnejn w ghoxrin [22] ta’ Gunju, 2006 liema sentenza saret wahda definittiva u ma tistax tigi mhassra.

Rat l-atti kollha tal-kawza w d-dokumenti kollha esibiti fosthom l-affidavits ta’ PS 1424 Mario Xiberras, ta’ PS 369 Joseph Mizzi kif wkoll s-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati datat tnejn w ghoxrin ta’ Gunju 2006 fil-konfront tal-imputat odjern w il-licenzja dokument MTA.

Semghet lix-xhieda kollha prodotta mill-prosekuzzjoni u cioe lis-Supretendent Paul Camilleri u lil Dottor Joseph Grech rappresentant tal-MTA.

Ikkunsidrat:

Illi l-akkuzi kollha jirrizultaw ippruvati ghas-sodisfazzjon tal-Qorti.

Ghalhekk, **il-Qorti** wara li rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikoli 43(1)(b) tal-Kap 409, l-artikolu 49

tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta; l-artikoli 38(2)A u 38(4) tal-Avviz Legali numru 1 tas-sena 2006 u r-regolament 21 tan-Notifikazzjoni tal-Gvern 392/1929, **tiddikjara li ssib lil imputat JONATHAN XUEREB hati tal-akkuzi kollha kif addebitati fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal hlas ta’ multa komplessiva ta’ mija u hamsin [150] lira maltin.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------